MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-11 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 1041/2009

**HSBC Bank Malta p.l.c gia Mid-Med Bank p.l.c**

**Vs**

**Charmaine Mahmoud sive Charmaine Vella I.D. 525290M**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni tas-socjeta` attrici biha, ppremettiet:

Illi l-konvenuta hija debitrici tal-Bank rikorrent fis-somma komplessiva ta’ ghoxrin elf mija tnejn u hamsin Ewro u sitta u erbghin Ewro centezmi (€20, 152.46) u cioe` kwantu ghal sittax il-elf disgha mija tmienja u sittin Ewro u

tlieta u tmenin Ewro centezmi (€16,968.83) rappresentanti bilanc fuq rescheduled account bin-numru 033-139387-340 liema ammonti gew trasferiti fl-istess kont, mill-kont kurrenti bin-numri 033-139387-001 u mill-kont tat-tip Visa Gold Card li kien iggib in-numru 4035710000430129 u kwantu ghal tlett elef mija tlieta u tmenin Ewro u tlieta u sittin Ewro centezmi (€3,183.63) rappresentanti interessi gja nkorsi bir-rata ta' tmienja (8%) fil-mija sat-30 ta' Lulju, 2009 fuq l-ammont komplessiv dovut ta' Eur 16,968.83 u dan kif jirrizulta mill-kopji tal-istatements of Account dokument A, mil-kopja tal-ftehim ghal ghotja ta' kreditu dokument B, u mill-kopji tal-applikazzjonijiet rispettivi ghal Visa Gold Card u Quickcash Gold Card dokumenti C u D oltre imghaxijiet ulterjuri dekorribbli mill-1 ta' Awissu 2009 bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) sad-data tal-pagament effettiv.

Illi ghalkemm interpellata sabiex thallas, il-konvenuta baqghet inadempjenti.

Talbet illi din il-Qorti:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti, b'dispensa ghas-smigh tal-kawza ai termini tal-artikolu 167-170 tal-Kodici tal-Procedura Civili;

2. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-Bank rikorrent is-somma komplessiva ta' ghoxrin elf mija tnejn u hamsin Ewro u sitta u erbghin Ewro centezmi (€20,152.46) u cioe` kwantu ghal sittax il-elf disgha mija tmienja u sittin Ewro u tlieta u tmenin Ewro centezmi (€16, 968.83) rappresentanti bilanc fuq rescheduled account bin-numru 033-139387-340 liema ammonti gew trasferiti fl-istess kont, mill-kont kurrenti bin-numru 033-139387-001 u mil-kont tat-tip Visa Gold li kien iggib in-numru 40357100 0043 0129 u kwantu ghal tlett elef mija tlieta u tmenin Ewro u tlieta u sittin Ewro centezmi (€ur3, 183.63) rappresentanti interessi gja nkorsi bir-rata ta' tmienja (8%) fil-mija sat-30 ta' Lulju, 2009 fuq l-ammont komplessiv dovut ta' € 16, 968.83 u dan kif jirrizulta mill-kopji tal-istatments of Account mmarkati dokument A, mil-kopja tal-

ftehim ghal ghotja ta' kreditu dokument B, mill-kopji tal-applikazzjonijiet rispettivi ghal Visa Gold Card u Quickcash Gold Card dokumenti C u D oltre imghaxijiet ulterjuri dekorribbli mill-1 ta' Awissu, 2009 bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kollha, inkluzi il-V.A.T, l-ittra nterpellatorja tal-5 ta' Gunju, 2007 (dokument E) u dik ufficjali tat-22 ta' Marzu, 2008 (dokument F) u bl-imghaxijiet bit-tmienja fil-mija (8%) mill-1 ta' Awissu, 2009 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta` attrici;

Rat in-nota tal-konvenuta li biha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuta, it-talba dedotta fic-citazzjoni kontra taghha tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuta, tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici kif dedotta fic-citazzjoni kontra l-konvenuta, bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------